MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Talba Numru. 1509/2001/1

***Maltacom p.l.c.***

***vs***

***George Sammut***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sitta u hamsin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm256.56) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 495815 (u dana kif jirrizulta mid-Dokument A anness ma' l-avviz) u liema servizz gie installat fil-fond li jgib l-isem ta' Melody Flats, Flat 2, 325, Mdina Road, Qormi u dana kif jirrizulta mis-*service agreement* anness ma' l-avviz u mmarkat bhala Dokument B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni, baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sitta u hamsin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm256.56), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

-------------------------------TMIEM-------------------------------